01 JUL 2020

HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 528**

**It-Tlieta 16 ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**528.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

528.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Buttigieg fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Buttigieg ikun skużat.

528.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

528.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjura Anna Calleja fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Anna Calleja tkun skużata.

**528.2 Għoti ta' Titlu għall-Masġar taż-Żebbuġ, f'Ħaż-Żabbar**

528.2.1 Il-Viċi Sindku qalet illi kienet talbet laqgħa b'urġenza sabiex jiġi diskuss it-titlu tal-Park peress illi l-Ambjent kien jaqa' taħt id-dekasteru tagħha u kien ikun xieraq jekk tieħu l-*feedback* tal-membri tal-Kunsill dwar dan. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li kienet talbet sabiex waqt il-laqgħa b'urġenza tiġi diskussa l-possibilità li ssir *pelican crossing* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku qal illi waqt din il-laqgħa setgħa jiġi diskuss it-titlu tal-masġar biss.

528.2.2 Is-Sindku qal illi dan il-park dejjem irreferew għalih bħala l-Masġar taż-Żebbuġ u mhux bħala il-Foss. Is-Sur Joseph Agius qal illi anke fejn il-grawnd tas-St Patrick huwa magħruf bħala l-Foss. Is-Sindku żied jgħid li ż-żona kollha inkluż in-naħa tal-fatah hija magħrufa bħala l-Foss.

528.2.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien tkellem ma' riċerkaturi minn entitajiet differenti li jafu ż-żona minn aspett storiku wkoll u qal illi ma kienx jaqbel li l-park jingħata l-isem il-Masġar taż-Żebbuġ peress illi fil-masġar kien hemm tipi differenti ta' siġar mhux biss taż-żebbuġ. Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi fil-masġar kien hemm ukoll siġar taċ-ċitru. Il-Viċi Sindku qalet li l-maġġoranza tas-siġar kienu siġar taż-żebbuġ. Is-Sindku żied jgħid li l-Foss ta' Ħaż-Żabbar m'huwiex biss iż-żona ta' fejn hemm il-Masġar taż-Żebbuġ, iżda wkoll iż-żona tal-klabb tal-futball, iż-żona tal-Fatah u ż-żona ta' Bieb is-Sultan. Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi hemm ukoll il-bastjuni.

528.2.4 Is-Sindku spjega kif fil-filosofija tal-arkitettura ikun hemm titlu marbut ma' kull bastjun purtiera ta' swar u li fuq in-naħa tax-xellug ta' kull bastjun u kull purtiera dejjem ikun hemm titlu. Is-Sindku qal li fiż-żona tal-foss kien hemm dawn it-titli; San Klement, San Leonard, San Nikola, San Ġakbu, is-Salvatur u Santa Margerita. Biswit il-Masġar taż-Żebbuġ kien hemm il-bastjun u l-purtiera ta' San Klement li

jinsab bi dritt Triq il-Foss, Triq l-10 ta' Settembru 1979 u Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok. Is-Sindku qal ukoll li l-Onorevoli Julia Farrugia rrakomandat li t-titlu tal-park ma jkunx iktar minn tlett kelmiet u biex l-isem ikun abbinat maż-żona. Peress illi l-iktar bastjun purtiera ta' swar viċin kien il-bastjun ta' San Klement, is-Sindku ssuġġerixxa li dan il-park jingħata t-titlu 'Il-Masġar ta' San Klement'.

528.2.5 Il-Viċi Sindku qalet li għalkemm taqbel li t-titlu għandu jkun marbut mal-istorja ta' Ħaż-Żabbar hija ma kinitx taqbel ma' dan l-isem peress illi dan il-masġar kien magħruf bħala il-Foss. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li t-titlu għandu jkun sinonimu maż-Żabbarin u li kulħadd ikun jafu. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li dan il-park jissemma għal Agatha Barbara, President Emeritus ta' Malta peress illi kienet għamlet unur għaż-Żabbarin. Is-Sindku qal illi ma kienx jaqbel li dan il-park jissemma għall-politiċi.

528.2.6 Is-Sur Mark Grech qal illi l-Masġar ta' San Klement ma kellu xejn x'jaqsam ma Ħaż-Żabbar u ssuġġerixxa li jingħata t-titlu 'Ġnien il-Foss' jew inkella 'Il-Park ta' Ħaż-Żabbar'.

528.2.7 Il-Viċi Sindku ssuġeriet li jingħata t-titlu 'Il-Park tal-Foss ta' Ħaż-Żabbar'.

528.2.8 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet illi hija kienet taqbel mal-proposta tas-Sindku u żiedet tgħid li fil-park għandha titwaħħal plakka bl-isem u l-istorja ta' San Klement bħala informazzjoni għall-pubbliku.

528.2.9 Is-Sur Angelo Scicluna qal illi ż-Żabbarin iktar kienu ser ifittxu li jgawdu l-park flimkien mal-familjari tagħhom milli l-isem li kien ser jingħata.

528.2.10 Il-Viċi Sindku qalet illi meta wieħed ifittex l-informazzjoni dwar San Klement fuq l-*internet* titla' il-Kappella ta' San Klement li qiegħda fil-lokalità taż-Żejtun u ma titla l-ebda informazzjoni marbuta ma' Ħaż-Żabbar.

528.2.11 Is-Sur Mark Grech staqsa fejn kien hemm imniżżel li l-bastjun purtiera ta' swar biswit il-park kellu t-titlu ta' San Klement. Is-Sindku qal li din l-informazzjoni kienet dokumentata fid-dokumenti tal-*Cottonera Lines*.

528.2.12 Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li fl-park ikun hemm żona bis-siġar iddedikata lil San Klement u jkun hemm tabella b'informazzjoni dwar min kien San Klement.

528.2.13Is-Sindku qal illi għandu jittieħed inkonsiderazzjoni l-aspett storiku taż-żona.

528.2.14 Il-Viċi Sindku pproponiet li t-titlu għall-Park tal-Masġar taż-Żebbuġ ikun 'Il-Park tal-Foss'. Is-Sur Mark Grech issekonda l-proposta tal-Viċi Sindku iżda din il-proposta m'għaddietx bi tlett voti favur u ħamsa kontra. Voti favur – Il-Viċi Sindku, is-Sinjuri Mark Grech u Joseph Agius. Voti kontra – Is-Sindku, is-Sinjuri Ghislaine Bongailas, Angelo Scicluna, Angel Gwyn Louiselle Camilleri u l-Kaptan Patrick Barbara.

528.2.15 Is-Sindku ppropona li t-titlu għall-Park tal-Masġar taż-Żebbuġ ikun 'Il-Park ta' San Klement'. Is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri issekondat il-proposta tas-Sindku u din il-proposta għaddiet b' ħames voti favur u tlieta kontra. Voti favur - Is-Sinjuri Ghislaine Bongailas, Angelo Scicluna, Angel Gwyn Louiselle Camilleri u l-Kaptan Patrick Barbara. Voti kontra – Il-Viċi Sindku, is-Sinjuri Mark Grech u Joseph Agius.

528.2.16 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-529 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku